**46. IL-VIĊI PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI jipproponi:-**

Billi skond l-Artikolu 25 ta' l-Istatut tal-Kunsill ta' l-Ewropa, l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill għandha tikkonsisti f'Rappreżentanti u Sostituti tagħhom ta' kull Parlament li hu Membru tal-Kunsill, liema Rappreżentanti u Sostituti għandhom ikunu eletti jew maħtura minn fost il-Membri ta' kull Parlament, skond kif dan jiddeċiedi; u

Billi l-Artikolu 26 ta' l-istess Statut jistabbilixxi li l-Membri li jirrappreżentaw lil Malta fl-Assemblea Parlamentari għandhom ikunu tlieta li jista' jkollhom tliet sostituti tagħhom;

Hu għalhekk riżolut li l-Kamra taħtar lil dawn il-Membri bħala r-Rappreżentanti tagħha:

L-Onor Jeffrey Pullicino Orlando - Kap tad-Delegazzjoni

L-Onor Robert Arrigo

L-Onor Joe Debono Grech

u illi l-Kamra taħtar ukoll lil dawn is-sostituti tagħhom:

L-Onor Joe Falzon

L-Onor Michael Gonzi

L-Onor John Attard Montalto

Huwa wkoll riżolut illi din in-nomina ta' kull Rappreżentant u ta' kull Sostitut tiegħu tibqa' fis-seħħ sakemm dawn ir-Rappreżentanti u Sostituti jibqgħu Membri ta' dan il-Parlament jew sakemm din il-Kamra ma tiddeċidix xort' oħra.

Illi l-Onorevoli Membri, hekk maħtura għandhom, darba kull sitt xhur, jippreżentaw rapport lill-Kamra, u jekk ikun il-każ rapport ta' Minoranza wkoll, rigward l-attivitajiet tagħhom matul l-istess perjodu, u kopja ta' dan ir-Rapport għandha titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra u tkun ċirkolata lill-Onorevoli Membri.

04.06.03